MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Numru. 20/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**
**VS**
**CHRISTOPHER CALLEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Calleja, iben Constance u Rose Annae nee' Aquilina, mwieled Pieta, nhar it-30 ta' Jannar 1992 u residenti gewwa l-fond:13 flat 8, Triq Vilhena, Floriana , u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 90792(M);

Billi hu akkuzat talli Nhar il-11 t'Ottubru 2011 gewwa Ta'Xbiex :

1. Uza *computer* jew taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li

jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta appogg bhal dawk;

2. U wkoll talli ghamel output ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta appogg mill-*computer* li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun;

3. Aktar talli ha pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta appogg jew ghamel uzu minnhom;

4. Kif ukoll talli uza il-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta'dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer*;

5. U fl-ahhar talli kixef xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg kemm –il darba dan ma kienx mehtieg fil-qadi ta'dmirijietu jew b'xi Ligi ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Christopher Calleja, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 337C(a)(b)(f)(i)(j) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta tillibera lill-imputat Christopher Calleja bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2).

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-eta govanili tal-imputat u il-fatt illi l-kwerelant hafer lill-imputat fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------